*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,587, 4 ta' Mejju, 2010*

*Taqsima B*

**A.L. 267 tal-2010**

**ATT DWAR IS-SERVIZZI VETERINARJI (KAP. 437)**

**Regoli tal-2010 li jemendaw ir-Regoli dwar Miżuri għall-Kontroll ta' ċertu Mard tal-Annimali u Miżuri Speċifiċi Relatati mal-Mard Vesikulari tal-Majjal**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 5 tal-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, il-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regoli huwa Regoli tal-2010 li jemendaw ir-Regoli dwar Miżuri għall-Kontroll ta' ċertu Mard tal-Annimali u Miżuri Speċifiċi Relatati mal-Mard Vesikulari tal-Majjal u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regoli tal-2008 dwar Miżuri għall-Kontroll ta' ċertu Mard tal-Annimali u Miżuri Speċifiċi Relatati mal-Mard Vesikulari tal-Majjal, hawn aktar 'il quddiem msejħin "ir-regoli prinċipali".

A.L. 287 tal-2008.

Jemenda r-regola 17 tar-regoli prinċipali.

**2.** Ir-regola 17 tar-regoli prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:-

(a) minflok paragrafu (b) tas-subregola (1) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(b) laboratorju nazzjonali responsabbli għall-koordinazzjoni tal-i*standards* u għall-metodi ta' dijanożi f'Malta skond l-Iskeda III li tinsab ma' dawn ir-regoli. L-Awtorita` kompetenti għandha tara li d-dettalji ta' dak il-laboratorju, u kull bidla sussegwenti fihom, ikunu disponibbli għall-Istati Membri l-oħra u għall-pubbliku b'mod li jista' jkun speċifikat skond il-proċedura msemmija fir-regola 22 ta' dawn ir-regoli."; u

(b) minflok is-subregola (5) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(5) L-Awtorità kompetenti għandha żżomm listi aġġornati tal-laboratorji nazzjonali msemmija fis-subregola (1) ta' din ir-regola u tagħmel dawk il-listi disponibbli għall-Istati Membri l-oħra u għall-pubbliku.".

Jemenda Skeda II li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

**4.** Fi Skeda II li tinsab mar-regoli prinċipali punt 5 għandu jiġi mħassar.

**L.N. 267 of 2010**

## MALTA VETERINARY SERVICES ACT
## (CAP. 437)

## Control of Certain Animal Diseases (and Specifically the Swine Vesicular Disease) (Amendment) Rules, 2010

IN EXERCISE of the powers conferred by article 5 of the Veterinary Services Act, the Minister for Resources and Rural Affairs has made the following rules:-

Title.

L.N. 287 of 2008.

**1.** The title of these rules is the Control of Certain Animal Diseases (and specifically the Swine Vesicular Disease) (Amendment) Rules, 2010 and they shall be read and construed as one with the Control of Certain Animal Diseases (and specifically the Swine Vesicular Disease) Rules, 2008 hereinafter referred to as "the principal rules".

Amends rule 17 of the principal rules.

**2.** Rule 17 of the principal rules shall be amended as follows:-

(a) for paragraph (b) of sub-rule (1) thereof there shall be substituted the following:

"(b) a national laboratory responsible for coordinating standards and diagnostic methods in Malta in accordance with Schedule III to these rules. The competent Authority shall make the details of its national laboratory, and any subsequent changes thereto, available to the other Member States and to the public in a manner that may be specified in accordance with the procedure referred to in rule 22 of these rules."; and

(b) for sub-rule (5) thereof there shall be substituted the following:

"(5) The competent Authority shall maintain updated lists of the national laboratories referred to in sub-rule (1) hereof and make them available to the other Member States and to the public.".

Amends Schedule II to the principal rules.

**4.** In Schedule II to the principal rules, point 5 shall be deleted.

**Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta***
**Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper***

**Prezz/*Price***
**€0.19**